

# Il-Knisja tal-Madonna tal-Karmnu fix-Xlendi

- Fr. Geoffrey Attard

Matul iż-żmien inkiteb ħafna u fit-tul dwar il-knisja ħelwa tal-Madonna tal-Karmnu mibnija fuq il-blat hekk kif tilħaq il-bajja pittoreska tax-Xlendi. Billi fid-djoċesi tagħna ta' Għawdex qed niċċelebraw sena Marjana li tintemm lejlet is-solennita' tal-Tlugħ fis-Sema ta' Marija, jixraq li nagħtu daqqa t'għajn lejn din il-knisja u l-importanza tagħha.

Il-Knisja tal-Madonna tal-Karmnu tax-Xlendi nbniet fuq art li kienet tappartjeni lill-patrijiet Karmelitani Maltin. Kienet ilha tinħass il-ħtieġa għall-bini ta' din il-knisja. Ma ninsewx li l-eqreb knejjes lejn ix-Xlendi kienu s-Santwarju Parrokkjali tal-Qalb ta' Ġesu' tal-Fontana jew inkella l-Knisja Parrokkjali ta' San Pawl Nawfragu tal-Munxar. Ix-Xlendi matul is-snin ġibed l-attenzjoni ta' xi artisti u poeti. Biżżejjed insemmu l-poeta Ġanninu Cremona, magħruf ukoll bħala l-'poeta tal-Assunta', li qatta' kemm-il sajf f'din il-bajja u ħallielna poeżija sabiħa dwar din il-lokalita'. Ix-Xlendi ġibed ukoll l-attenzjoni ta' diversi pitturi lokali u barranin li immortalizzaw fost l-oħrajn it-torri tax-Xlendi mibni mill-Kavallieri ta' Malta fis-seklu sbatax.

Il-Knisja tal-Madonna tal-Karmnu tinsab hekk kif wieħed jilħaq il-bajja mir-Rabat. Fl-imgħoddi, tista' tgħid li l-knisja kienet sultana tal-inħawi, wieqfa waħidha qrib ftit remissi ċkejknin quddiem ix-xtajta. Imma llum, ix-Xlendi nbena kollu kemm hu u fis-sajf bil-kemm ikun hemm fejn taqa' labbra. Matul is-snin, bosta retturi servew lil din il-knisja. Matul ix-xhur tas-sajf, ix-Xlendi jkun miżgħud kemm bil-barranin kif ukoll b'dawk l-Għawdxin jew Maltin li għandhom daqsxejn ta' dar jew flat li fih iqattgħu x-xhur sħan tal-istaġun sajfi qrib l-arja friska tal-baħar. Il-knisja tħares fid-direzzjoni tan-nofsinhar u wieħed jitla' għaliha permezz ta' taraġ wieqaf. Quddiemha għandha daqsxejn ta' setaħ li minn fuqu wieħed igawdi dehra aħjar tal-ispazji miftuħa ta' quddiem il-bajja.

Il-Knisja tax-Xlendi hija waħda Marjana għax hija ddedikata lill-Madonna tal-Karmnu. It-tifkira liturġika tal-Madonna tal-Karmnu taħbar nhar is-16 ta' Lulju, fil-qalb tas-sajf Malti. Id-devozzjoni lejn il-Madonna taħt dan it-titlu hija antika sewwa u hija marbuta mal-għolja tal-Karmelu fl-Art Imqaddsa fejn isseħħ il-ġrajja magħrufa ta' Elija u l-qassisin tal-alla pagan Bagħal. Kien fuq din l-għolja li l-ewwel irħieb Karmelitani kienu jagħtu qima lil Alla. F'Malta, is-santwarju tal-Madonna tal-Karmnu fil-Belt Valletta jiġbed ħafna devozzjoni u x-xbieha hija inkurnata. Imma dan mhuwiex l-eqdem post ta' kult tal-Madonna tal-Karmelu f'Malta. Fl-Imdina, quddiem il-Katidral, wieħed jilmaħ il-knisja tal-Karmnu li hija qadima ħafna. Insibu wkoll knejjes u parroċċi oħra li jġibu isimha fi Fleur-de-Lys, fil-Fgura u fil-Gżira.

Il-kwadru titulari tal-Madonna jmur lura lejn is-sena 1869 u huwa xogħol il-Malti Salvatore Micallef. Juri lill-Madonna tagħti l-labtu lil San Xmun Stock. Fil-Knisja hemm ukoll l-istatwa tal-Madonna tal-Karmnu li nġiebet minn Milan fi żmien ir-rettur Dun Ġużepp Curmi, li aktar tard sar kanonku tal-Katidral ta' Għawdex bit-titlu ta' monsinjur. L-istatwa saret fis-sena 1965 u tbierket mill-Isqof Ġużeppi Pace. Il-knisja kompliet tingħata wiċċ ġdid matul ir-rettorat tal-ħabrieki Dun Ġwann Bosco Cremona, mir-Rabat, Għawdex, li ukoll inħatar monsinjur tal-Katidral wara t-tmiem tar-rettorat tiegħu fix-Xlendi. Cremona kabbar il-festa ta' San Ġużepp u dik titulari tal-Karmnu fost il-ħafna ħidmiet tiegħu b'riżq din il-knisja.

Kull min iżur il-bajja tax-Xlendi ma jistax ma jagħtix titwila lil din il-knisja ċkejkna. Għalkemm ċkejkna, il-knisja tax-Xlendi għandha rwol importanti għax taqdi l-ħtiġijiet spiritwali tal-komunita' ta' din il-bajja u dan huwa ferm importanti meta wieħed iqis li diversi familji għażlu li x-Xlendi jkun darhom matul is-sena kollha. Tkun ħaġa sabiħa li dawk li qatt ma żaru din il-knisja, jfittxu li jagħmlu dan b'mod partikulari matul din is-sena Marjana li l-għan tagħha hu li nħallu lil Marija tressaqna aktar lejn binha Ġesu'.